MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Rikors Numru. 791/2005

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 489/2005 fl-ismijiet:
Brian Bugeja, Raymond Mallia u Pauline Cilia
vs
Nutar Pubbliku Dr. Herbert Cassar u Visa Investments Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Anthony Mifsud li bih espona:

Illi permezz tal-mandat ta' sekwestru fuq citat, ir-rikorrenti Brian Bugeja et kienu ssekwestraw, fost ohrajn, il-flus depozitati mal-Bank of Valletta p.l.c. fil-kont numerat 40014095016 imsemmi *"Dr. Herbert Cassar A/C Anthony Mifsud',* hekk kif kien jidher mill-anness dokument A.

Illi kif kien jidher anke minn kif inhuwa intestat il-kont, il-flus depozitati fih kienu proprjeta` tar-rikorrenti,

izda kienu fil-pussess tan-Nutar Herbert Cassar ghal *safekeeping,* u dana merament bhala mandatarju tieghu.

Illi r-rikorrent kien totalment estraneju ghal kwalunkwe vertenza ezistenti bejn ir-rikorrenti Brian Bugeja et u n-Nutar Herbert Cassar et.

Illi ghaldaqstant kien evidenti li kien qieghed jigi pregudikat stante li flusu jinsabu sekwestrati minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Illi l-flus li kienu jinsabu sekwestrati f'dan il-kont bl-ebda mod ma kienu jissalvagwardjaw id-drittijiet pretizi minn Brian Bugeja et, stante li dawn ma kienux jappartjenu lill-intimat in-Nutar Herbert Cassar et, u ghaldaqstant l-effett tas-sekwestru fuq l-istess flus kien biss ta' pregudizzju ghar-rikorrenti.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti, talbu lill-Qorti, sabiex ghar-ragunijiet premessi, tirrevoka l-mandat ta' sekwestru limitatament ghal dak fejn jikkoncerna l-flus depozitati mal-Bank of Valletta plc fil-kont numerat 40014095016 *imsemmi "Dr. Herbert Cassar A/C Anthony Mifsud*, u dana soggett ghal kwalunkwe kundizzjoni li jidhrilha opportun timponi.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Brian Bugeja, Raymond Mallia u Pauline Cilia li eccepew:

1. Illi kuntrarjament ghal dak li kien qed jinghad fir-rikors fuq riferit ta' Anthony Mifsud, il-kont numerat 40014095016 kien jappartjeni u kien jaghmel minnu biss in-Nutar Dottor Herbert Cassar **f'ismu proprju u mhux bhala mandatarju tal-istess Anthony Mifsud**. Dan kien johrog mill-fatt li l-Bank of Valletta p.l.c., malli notifikati bis-Sekwestru 489/2005, mahrug kontra l-imsemmi Nutar, kienu ssekwestraw anki dak il-kont.

2.Id-difensur tal-intimati, biex jikkonferma l-pozizzjoni bankarja, kien ikkonsulta ruhu mal-konsulent legali tal-istess bank, Dr. Dominic Cassar, li kien kkonfermalu li,

ikun x'ikun l-isem li bih jissejjah il-kont (e.g. Boat a/c, House a/c, jew Mr.XYZ account) dan ghall-bank u ghall-ligi kien jappartjeni lill-persuna li f'ismu huwa registrat. Infatti, dik il-persuna biss tista' tigbed minn jew taghlaq dak il-kont u hadd izjed.

3.L-intimati kienu ssottomettew illi allahares il-pozizzjoni ma kenitx hekk ghaliex kieku kull min irid jahbi flusu (e.g. ghal finijiet ta' taxxa, f'kawza ta' separazzjoni jew divizjoni, etc.) kull ma kellu x'jaghmel kien li jsib persuna ta' fiducja tieghu (Mr.X) u bi ftehim mieghu jiftah kont u jsemmih "A/C Mr. X". Mill-banda l-ohra, l-istess "Mr.X" kien seta' jabbuza ghal ragunijiet simili u jpoggi flusu b'dan il-mod ghal ***"safekeeping".*** Kieku kellu jintlaqa' dan ir-rikors, il-mandat ta' sekwestru kien jista' jitnehha ghax jispicca bla ebda effett u l-kredituri jitilfu l-ahjar arma li fadlilhom biex jikkawtelaw il-kreditu taghhom. Mentri l-verita` hi li l-imsemmi kont kien tan-Nutar Cassar u ta' hadd izjed u jekk fih **allegatament** kien hemm flus ta' terzi, kien in-Nutar li kien irid jirrispondi lil dawk it-terzi jekk flushom jispiccaw sekwestrati minhabba proceduri gudizzjarji pendenti kontrih.

4. Ghal kull buon fini l-intimati kienu irrilevaw (a) li fil-proceduni identici quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (Rikors 304/05/GCD deciz fis-615/05)) in-Nutar Cassar ma ghamel ebda riferenza ghal dan il-kont partikolani u (b) fl-ahhar udjenza meta n-Nutar kien gie mistoqsi ghandux flus f'kontijiet ohra biex jaghmlu tajjeb ghall-ammont sekwestrat huwa kien irrisponda li m'ghandux!?.

5. Ghaldaqstant fic-cirkostanzi l-intimati kienu ssottomettew li ghar-ragunijiet fuq esposti din il-Qorti kellha tichad it-talba tar-rikorrent Anthony Mifsud bhala ghal kollox infondata fl-fatt u fil-ligi. Bl-ispejjes.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI U KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Provi ma tantx hemm f'dan il-kaz hlief li fil-kors tal-proceduri n-Nutar Cassar sostna li dawn il-flus sekwestrati ma kellhom xejn x'jaqsmu mal-kawza / proceduri fl-ismijiet **Brian Bugeja, Raymond Mallia u Pauline Cilia vs Nutar Pubbliku Dr. Herbert Cassar u Visa Investments Limited**. Ukoll lanqas ma nghatat ebda raguni valida mis-sekwestranti ghala dawn il-flus kellhom jibqghu sekwestrati. Il-vertenza propjament kienet bejn Brian Bugeja, Raymond Mallia u Pauline Cilia min-naha l-wahda u n-Nutar Pubbliku Dr. Herbert Cassar u Visa Investments Limited min-naha l-ohra. Dan il-kaz jinstab quddiem il-Qorti ta' l-Appell u kien hemm ukoll proceduri quddiem din il-Qorti ghar-revoka tas-sekwestru fl-ismijiet **Brian Bugeja, Raymond Mallia u Pauline Cilia vs Nutar Pubbliku Dr. Herbert Cassar u Visa Investments Limited.** Ma jidhirx li hemm xi raguni valida biex l-imsemmi sekwestru jibqa' jissussisti fuq il-kont mal-Bank of Valletta p.l.c. numerat 40014095016 imsemmi "Dr. Herbert Cassar A/C Anthony Mifsud".

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba ta' Anthony Mifsud u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru limitatament ghal dak li jikkoncerna l-flus depozitati mal-Bank of Valletta p.l.c. fil-kont numerat 40014095016.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------